FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 4 ta' Settembru, 2001

**Numru 5**

**Avviz. numru 320/01JR**

**Joseph u Vivienne Borg**

**vs**

**Martin u Edel Dimech**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Mejju, 2001, fejn intalab il-hlas ta' tlieta u sebghin lira Maltija (Lm73.00), kera dovuta ghall-perijodu 23 t'Ottubru, 2000, sat-23 ta' Marzu, 2001, ghall-garaxx numru 9, Triq il-Qronfla, Fgura.**

**Bl-ispejjez u l-imghax legali mid-data ta' l-ahhar skadenza u cioe` 23 ta' Marzu, 2001.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fis-6 ta' Gunju, 2001 fejn intqal illi t-talbiet attrici huma nfondati sia fil-fatt u sia fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li ma kienx hemm ebda ftehim ta' xi kirja ma' l-attur. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' Joseph Borg u Martin Dimech. Ha konjizzjoni tad-dokument esebit u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**Il-kwistjoni kollha tirrisolvi ruhha fuq il-punt jekk kienx hemm ftehim ta' kirja jew le dwar il-Garaxx numru 9, Triq il-Qronfla, Fgura.**

**Jirrizulta mill-provi li l-attur kien gie avvicinat mill-konvenut li kien interessat li jikri l-imsemmi garaxx. Skond l-attur kien hemm qbil li jikrilu l-garaxx ghall-mija hamsa u sebghin lira Maltija (Lm175.00) fis-sena li jibda jithallas mill-1 ta' Settembru, bil-quddiem. Il-konvenut xehed li kienu ftehmu fuq mija hamsa u sittin lira (Lm165.00) fis-sena, b'dana li juzah wara li jinghata l-kuntratt.**

**Jirrizulta li l-attur kien minn jeddu ghadda c-cavetta lill-konvenut, u kien qallu biex jiffirmaw skrittura, li pero` baqghet ma gietx iffirmata. Il-konvenut irritorna c-**

**cavetta permezz ta' ittra datata 18 ta' Marzu, 2001. Il-konvenut xehed li fil-perijodu li kellu c-cavetta huwa ma uzax il-garaxx imsemmi, u t-Tribunal qed jemmnu fir-rigward.**

**L-Artikolu1526(1) tal-Kodici Civili jiddisponi li:**

**"Il-kiri ta' haga hu kuntratt li bih wahda mill-partijiet tintrabat li taghti lill-ohra t-tgawdija ta' haga, ghall-zmien miftiehem u b'kera miftiehem, li din il-parti l-ohra tintrabat li thallas lilha."**

**F'dan il-kaz jirrizulta li kien sar il-ftehim dwar l-ammont, u z-zmien minn meta ser tibda ssehh il-kirja.  Pero` kollox kien kundizzjonat ghal li jigi ffirmat il-ftehim fir-rigward. Ghalkemm kienet inghatat ic-cavetta, il-konvenut ma uzax il-garaxx imsemmi ghax ma kienx ghadu gie finalizzat il-ftehim ta' lokazzjoni. Ghaldaqstant ma jistax l-attur jitlob il-kera. Kien fl-interess ta' l-attur li jiffinalizza l-ftehim, haga li hu naqas li jaghmel.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba  attrici ma tirrizultax pruvata t-Tribunal jichad it-talba attrici bl-ispejjez.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**